Iħobb il-melodiji
ta' xi għasfur għannej,
u r-ritmu mqabbeż, mgħaġġel
tal-mewġ li dejjem ġej.

Is-saltna tiegħu kbira:
imm' huwa kullimkien
imur fis-skiet u jgħanni
f'kull moħba tal-ħolqien.

Jagħraf il-qlub: u jibki
ma' min imut fl-uġigħ.
Jagħder u jħobb u jaħfer
lil min l-imrar jisqih.

'Il fuq mis-sħab jittajjar
fil-qalba tas-smewwiet:
hemm jilmaħ kobor Alla
w eluf t'egħġubijiet.

10/XII/1946.

---

Nifirħu bil-qalb kollha lil Monsinjur Professur Dun Pietru Pawl Saydon, President Onorarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", li dan l-aħħar kien maħtur bħala Kamrier Sigriet tal-Papa.

Il-Qdusija Tiegħu ma setax jagħmel għażla li togħġob aktar lill-Maltin. Il-Professur Saydon il-lum hu figura nazzjonali, maħbub u miqjum minn kulħadd għal għerfu, għal tjubitu u għall-ħidma tiegħu letterarja u edukativa.



# Nisel

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

FIL-BIDU Alla ħalaq is-sema u l-art. U qal: Isir id-dawl. U d-dawl sar. U firex ma' kullimkien fis-skiet għax ma sabx xi jħaddan.

Imbagħad Alla ħalaq id-dinja. U daħħalha fid-dawl. U ħadem fiha għal ħamest ijiem sa ma sebħet għammiela, mogħnija bil-mira' u l-egħlejjel.

U l-baħar qagħad u daħal fil-ħażż, u twitta ma' xfar il-blat. U rema l-fwar minn ilmijietu, bħal bħur minn midbaħ. U thenna bil-ħajja ferħana fil-fitla ta' ħdanu.

Għax il-ħajja ħielsa ħadet il-wisa', fis-sema, fl-art, fil-baħar. U għażlet imkienha. U nasbet agħmarha. U daħlet għal sehimha.

U ħidmet l-art dwiet u żanżnet fis-sikta bħal xehda naħal bieżla.

U x-xemx, għajn is-sema, ħarset lejn id-dinja u ratha għammiela u mogħnija fuq il-kwiekeb l-oħra, u dawritha bid-dija.

Iżda Alla kien għad ma ħelisx minn kollox u kien għadu ma qagħadx fuq il-ħolqien; u d-dinja kien għad ma kellhiex sliem.

U fl-aħħar Alla qal: Insawru fuqna l-bniedem sabiex imexxi l-ħolqien għalina u jżid u jkattar xogħolna u jhejjih matul il-ġimgħa, u kollox ikun sewwa.

U fis-sitt jum Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu biex imexxi l-ħolqien għalih, u jorqom u jżid xogħlu billi jaħkem fuq l-art u jaħdimha.

U Hu nnifsu, fis-seba' jum, strieħ.

* * *

Hekk wasal il-bniedem bħala sid fuq il-ħolqien. U taha għax-xogħol sa tmiem il-ġimgħa.

Imbagħad qam fuq qaddu biex iqis xogħlu u jistrieħ. Iżda kien għad jonqos xi jsir. U l-art ma kinitx strieħet.

Id-dinja daret fuq il-bniedem, u ma għarfitux b'sidha.

Għax dan kien naqsu jeddu, u tilef kobru, u ma baqax jaħkimha. Għax ma għarafx jistgħallha u kien kiel mit-tuffieħa li ma kinitx misjura.

U d-dell t'Alla ħallieh.

* * *